# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Frar, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors numru 509/06/1 JZM**

**Vincent u Jane konjuġi Zerafa**

**v.**

**Emmanuel Cilia u b'digriet tal-15 ta' April 2013 l-atti tal-kawża ġew trasfużi mid-defunt Emanuel Cilia f'isem Svetlana Cilia u Dr. Leslie Cuschieri u Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer nominati b'digriet tal-15 ta' Ġunju 2006 bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lis-sidien oħrajn mhux magħrufa tal-fond Numru 5 fi Sqaq Numru 1, Hospital Square, Żebbuġ (Malta) u b'digriet tas-16 ta' Marzu 2007, Fr. Joseph Bugeja, u wara korrezzjoni awtorizzata tat-30 ta' Marzu 2007 f'ismu proprju u kif ukoll bħala Direttur għan-nom u in rappreżentanza tal-Opri Missjunarji Pontefiċji, Lina Zerafa, Josephine Pomarico Cilia, Filippa Catania, u b'digriet tal-4 ta' Mejju 2023 l-atti ġew trasfużi f'isem George Catania u l-Prokuratur Legali Francesco Catania stante li Filippa Catania mietet fil-mori, Theresa Debono, Grace Cilia, Antoinette Resta, Janie Saliba u b'digriet tal-10 ta' Ġunju, 2016 l-atti ġew trasfużi f'isem Noel Spiteri u Jacqueline Spiteri wara l-mewt ta' Janie Saliba, u Suor Concetta Cilia ġew kjamati fil-kawża u b'digriet tat-30 ta' Settembru 2010 ġie kjamat fil-kawża d-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-atturi minn sentenza tal-Qorti Ċivili Prim'Awla mogħtija fis-27 ta' Settembru, 2018 li permezz tagħha it-talba tagħhom sabiex jiġu dikjarati li huma intitolati li jikkonvertu l-konċessjoni enfitewtika temporajna dwar fond immobiljari għal waħda perpetwa, *ai termini* tal-Artikolu 12 (4) tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta, ġiet miċħuda peress li b'sentenza tal-25 ta' Ottubru, 2013 bejn l-istess partijiet il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat illi l-applikazzjoni tal-Artikolu 12 (4) tal-Kap. 158 kien leżiv tad-dritt fundamentali tal-konvenuti direttarji hekk kif tutelat bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea.

**Il-Fatti**

2. Il-fatti rilevanti fil-qosor huma s-segwenti.

3. Fit-22 ta` Mejju 1996, l-atturi akkwistaw l-utli dominju temporanju għaż-żmien li kien fadal tal-fond residenzjali bil-ġjardina u għalqa formanti parti integrali minnu tal-fond numru 5, Sqaq 1, Hospital Square, Żebbug, Malta. L-enfitewsi temporanja għalqet fil-15 ta' Mejju 2006.

4. Fl-1 ta' Ġunju, 2006 l-atturi intavolaw rikors maħluf fejn wara li ppremettew li huma ċittadini ta' Malta bir-residenza ordinjarja tagħhom f'dan il-fond, talbu lill-Ewwel Qorti:

> "1. Tiddikjara li r-rikorrenti huma ntitolati li jikkonvertu l-koncessjoni enfitewtika temporanja dwar il-fond residenzjali bil-gjardina u ghalqa formanti parti integrali minni, li hu bla isem u jgib in-numru 5 fi sqaq numru 1, Hospital Square, Zebbug (Malta), ghal wahda perpetwa ai termini tal-artikolu 12(4) tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta` Malta, b`rata ta` cens annwa u perpetwa ta` tmienja u erbghin lira Maltin (Lm48) ghall-ewwel hmistax-il sena mill-konverzjoni, u liema cens ghandu mbaghad jizdied f`kull hmistax-il sena sussegwenti b`daqstant mic-cens kurrenti, li jkun ammont li ma jkunx izjed minn dak ic-cens, li jirrapprezenta bi proporzjon mieghu z-zieda fl-inflazzjoni minn meta l-imsemmi cens ikun gie stabbilit l-ahhar.
>
> 2. Tikkundanna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss jaddivjeni ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv fejn din il-koncessjoni enfitewtika temporanja tigi konvertita ghal wahda perpetwa skond il-kundizzjonijiet appena elenkati.
>
> 3. Tinnomina Nutar biex jippubblika l-kuntratt relattiv fil-jum, hin u lok li joghgobha tiddetermina din l-Onorabbli Qorti u tinnomina kuraturi biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.
>
> Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tat-28 ta` Lulju 2005 u tal-ittra ufficjali tal-5 ta` Ottubru 2005 kontra l-konvenuti li huma ngunti ghassubizzjoni."

5. Il-kawża ġiet istitwita kontra wieħed mid-direttarji l-konvenut Emanuel Cilia kif ukoll kontra kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw sidien oħrajn mhux magħrufa tal-fond imsemmi. B'digriet tas-16 ta' Marzu, 2007 ġew imsejħa fil-kawża Fr Joseph Bugeja, u wara korrezzjoni awtorizzata tat-30 ta' Marzu 2007 f`ismu propju u kif ukoll bħala Direttur għan-nom u in rappreżentanza tal-Opri Missjunarji Pontefiċċji, Lina Zerafa, Josephine Pomarico Cilia, Filippa Catania, Theresa Debono, Grace Cilia, Antoinette Resta, Janie Saliba u Suor Concetta Cilia; filwaqt

li b'digriet tat-30 ta' Settembru, 2010 ġie msejjaħ fil-kawża d-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt.

6. L-imħarrkin kollha, minbarra d-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt, ressqu risposti ġuramentati b'kontestazzjoni tal-azzjoni attriċi. Fost id-diversi eċċezzjonijiet imressqa, il-konvenut Emanuel Cilia, u l-kjamati fil-kawża Suor Josephine Cilia, Carmelina Zerafa, Filippa Catania, Marija Grazia Cilia f'isimha proprju u bħala prokuratriċi tal-assenti Josephine Pomarico Cilia, Theresa Debono, Maria Antonia Resta u Janie Saliba eċċepew in linea preliminari l-antikostituzzjonalità, in-nullità u l-invalidità tas-sub-inċiżi 4 u 5 tal-Artikolu 12 tal-Kap. 158 li fuqhom l-atturi sejsu l-kawża minnhom promossa.

7. Fit-23 ta' Mejju, 2008 il-konvenut u l-maġġorparti tal-imsejħa fil-kawża ppreżentaw rikors[1] quddiem l-Ewwel Qorti fejn talbu illi in vista tal-eċċezzjonijiet minnhom imressqa l-Qorti tagħtihom r-rimedji kollha xierqa u opportuni *ai termini* tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni kif ukoll *ai termini* tal-Artikolu 46 tal-Att XIV tal-1987 fosthom dikjarazzjoni li l-emendi introdotti permezz tal-Att XXIII tal-1979, senjatament Artikolu 12 (4) u (5) tal-Kap. 158, jmorru kontra l-Kostituzzjoni u kontra l-Konvenzjoni Ewropea, u għalhekk "nulli u mingħajr ebda effett legali". Dak ir-rikors ġie

[1] Fol. 150

ppreżentat ukoll kontra l-Prim Ministru u kontra l-Ministru tal-Ġustizzja, u b'digriet tas-17 ta' Ottubru, 2011 ġie msejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali.

8. L-Ewwel Qorti kkonvertiet ruħha bħala Qorti b'ġurisdizzjoni kostituzzjonali u għaddiet għas-smigħ tal-ilment kostituzzjonali u konvenzjonali.

9. Waqt li kien għaddej dak is-smigħ, b'sentenza tas-7 ta' Diċembru, 2009 f'kawża oħra fl-ismijiet **Josephine Bugeja et. v. Avukat Ġenerali et.**[2]**,** fejn l-atturi direttarji ta' fond mogħti b'ċens temporanju għal żmien 99 sena talbu dikjarazzjoni li l-Artikolu 12 (4) (5) u (6) tal-Kap. 158 jiksru l-jeddijiet tagħhom protetti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropea, il-Qorti Kostituzzjonali iddeċidiet bil-mod segwenti:

> "(1) tiddikjara li l-applikazzjoni tal-Artikolu 12(4), (5), u (6) tal-Kap.158 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-proprjeta` imsemmija fl-istess rikors promotorju tilledi d-dritt fondamentali tar-rikorrenti appellanti (u illum ta' Raymond Bugeja) ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha (tieghu) kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja."

10. Ir-rimedju mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali f'dik il-kawża kien jikkonsisti filli ddikjarat mingħajr effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi s-sentenza mogħtija preċedentement mill-Qorti tal-Appell fejn ġie ordnat il-pubblikazzjoni ta' kuntratt sabiex l-emfitewsi temporanja tiġi konvertita

[2] Rik. Nru. 1/2002/1

f'waħda perpettwa. Il-Qorti Kostituzzjonali iddikjarat ukoll dik is-sentenza mhux eżegwibbli.

11. B'sentenza tad-9 ta' Ottubru, 2012, wara li l-Ewwel Qorti kif rajna appuntat għas-smigħ l-ilment kostituzzjonali u konvenzjoni imqajjem f'din il-kawża u wara li ħadet konjizzjoni tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali "Bugeja v. Avukat Ġenerali", għaddiet sabiex ċaħdet l-ilment tal-ksur tal-jeddijiet fudamentali tal-imħarrka fil-kawża għaliex qieset li l-konvenuti ma kienux ġabu provi illi l-kumpens li kienet tagħti l-liġi impunjata ma kienx kumpens xieraq jew proporzjonat. L-imħarrka appellaw minn dik is-sentenza, u l-Qorti Kostituzzjonali, b'sentenza tal-25 ta' Ottubru, 2013, ħassret is-sentenza tal-Ewwel Qorti u, laqgħet l-eċċezzjoni mertu tal-appell fis-sens biss illi:

> "l-konverżjoni tal-enfitewsi temporanja tal-proprjeta' tal-konvenuti appellanti f'waħda perpetwa b'applikazzjoni tal-art. 12 (4) tal-Kap. 158, b'ċens ta' mija u ħdax-il wuro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€111.81) fis-sena għall-ewwel ħmistax-il sena ….. tkun bi ksur tal-jedd tal-konvenuti appellanti mħares taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll minħabba nuqqas ta' kumpens xieraq u proporzjonat".

12. Wara li l-atti ġew rimessi lill-Ewwel Qorti għat-tkomplija tas-smigħ tal-mertu, b'rikors tat-3 ta' Frar, 2014 l-atturi talbu li l-Qorti tiddikjara illi kellhom aspettattiva leġittima u/jew possediment li hi protetta u sanċita taħt l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll taħt Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni fil-jedd għall-konverżjoni taċ-ċens minn wieħed temporanju għal perpetwu u għalhekk talbu r-rimedji xierqa *ai*

*termini* tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4 tal-Att XIV tal-1987 (Kap. 319).

13. Wara li l-Ewwel Qorti astjeniet milli tisma' din il-lanjanza tal-atturi dwar ksur ta' jedd fundamentali tagħhom dawn il-proċeduri ġew riassenjati u b'sentenza tat-28 ta' Novembru, 2016 il-Qorti Ċivili Prim'Awla fil-ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha, ddeċidiet illi l-atturi ma jistgħux jivvantaw jedd patrimonjali jew possediment li għandu jiġi mħares mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni Ewropea u għalhekk ċaħdet ir-rikors tal-atturi tat-3 ta' Frar, 2014 billi ma nstab ebda ksur ta' dritt fondamentali kif prospettat minnhom. L-atturi appellaw minn dik is-sentenza u b'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-2 ta' Marzu, 2018, wara li kkonsidrat illi l-episodju kostituzzjonali fil-kawża ċivili huwa dwar jekk il-konverżjoni tal-enfitewsi tiksirx il-jedd tad-direttarji u mhux jekk iċ-ċaħda tal-konverżjoni tiksirx il-jedd tal-utilisti; qieset illi dak l-ilment jista' jkun meritu ta' kawża li l-atturi jistgħu jintavolaw kontra l-Gvern u mhux kontra l-konvenuti l-oħra liema mertu kkonsidrat li għandu jibqa' impreġudikat. Għalhekk filwaqt li l-Qorti Kostituzzjonali ħassret is-sentenza appellata sa fejn qalet illi "ma nstab ebda ksur ta' dritt fondamentali kif prospettat [mill-atturi]", ħalliet dik il-kwistjoni miftuħa filwaqt li kkonfermat is-sentenza fil-bqija inkluż fejn ċaħdet it-talbiet tal-atturi mressqa bir-rikors imsemmi.

14. L-atti ġew rimessi lill-Ewwel Qorti li b'sentenza tas-27 ta' Settembru, 2018 iddeċidiet kif ġej:

> "Tenut kont ta` l-premess, din il-Qorti qeghda tesprimi ruhha fis-sens illi dak vantat mill-atturi a tenur tad-disposizzjonijiet tal-ligi citati minnhom ma jistax iregi.
>
> L-atturi ma jistghux issa jinvokaw id-disposizzjoni favur taghhom sabiex ic-cens temporanju li kellhom fuq il-fond de quo jsir perpetwu bis-sahha tal-istess disposizzjoni.
>
> L-atturi huma marbuta bid-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tal-25 ta` Ottubru 2013 fis-sens illi ghar-ragunijiet li johorgu mid-decizjoni ma jistghux jinvokaw id-disposizzjonijiet citati minnhom sabiex jibqghu fil-fond de quo b`titolu ta` cens perpetwu.
>
> Minkejja d-decizjonijiet li tat il-Qorti Kostituzzjonali, wahda wara l-ohra, id-disposizzjonijiet tal-ligi in kwistjoni ghadhom jaghmlu parti mill-*corpus juris* ta` pajjizna billi sal-lum ma kienet promulgata ebda ligi mill-Parlament Malti li ticcara darba ghal dejjem is-sitwazzjoni.
>
> Il-Qorti qieset b`reqqa n-noti ta` osservazzjonijiet.
>
> Huwa minnu li fil-kawza tal-lum, irrizulta li sehem ta` 60% indiviz mill-fond de quo jappartjeni lill-Ufficju Kongunt u li dan kien favur illi c-cens temporanju jsir perpetwu. Madanakollu rrizulta wkoll illi fil-kaz tas-sidien tar-rimanenti sehem indiviz ta` 40% tal-proprjeta`, kien deciz mill-Qorti Kostituzzjonali li eventwali konverzjoni ghal cens perpetwu hija lesiva ghall-jeddijiet fondamentali u konvenzjonali taghhom. Fic-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti tghid illi ladarba l-fond de quo baqa` ndiviz, u allura baqa` sal-lum fond wiehed, ghalkemm in kompropjeta`, il-Qorti ghandha idejha marbuta *ex lege* u jkollha tieqaf hawn.
>
> Decide
>
> Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet u dwar l-eccezzjonijiet, billi qeghda tichad it-talbiet kollha tal-atturi. Tordna illi l-ispejjez ta` dan il-procediment jibqghu bla taxxa, b`dan illi l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skont il-ligi."

15. Fis-17 ta' Ottubru, 2018 l-atturi intavolaw r-rikors tal-appell mis-sentenza tal-Ewwel Qorti u għar-raġunijiet hemm mogħtija talbu lil din il-Qorti "tħassar u tirrevoka" s-sentenza tas-27 ta' Settembru 2018 u minflok

"tilqa' t-talbiet kollha tal-atturi appellanti filwaqt li tiċħad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati appellati, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati appellati".

16. L-appellat Opri Missjunarji Pintefiċċji ppreżenta risposta fis-6 ta' Novembru, 2018 fejn irrileva illi hija ma għad għandha ebda porzjon tal-proprjetà relatata mal-art mertu tal-kawża *stante* li kwalsiasi sehem li kellha għadda lill-imsejjaħ fil-kawża l-Uffiċċju Konġunt in virtu' tat-Trattat bejn ir-Repubblika ta' Malta u s-Santa Sede ffirmat fit-28 ta' Novembru, 1991, kif imsemmi fil-Kapitolu 358 tal-Liġijiet ta' Malta.

17. L-imsejjaħ fil-kawża l-Uffiċċju Konġunt ippreżenta risposta fl-14 ta' Novembru, 2018 li permezz tagħha, għar-raġunijiet hemm mogħtija, jgħid li l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata tiġi konfermata.

18. L-imsejħa fil-kawża Carmelina Zerafa, Filippa Catania, Theresa Debono, Maria Antonia Resta, Maria Grazia Cilia f'isimha proprju u bħala prokuratriċi tal-assenti Josephine Pormarico Cilia ippreżentaw fl-14 ta' Novembru, 2018 risposta tal-appell fejn, għar-raġunijiet hemm mogħtija, issottomettew li l-appell għandu jiġi miċħud filwaqt li ressqu wkoll appell inċidentali dwar il-kap tal-ispejjeż kif deċiż mill-Ewwel Qorti.

19. B'risposti tat-30 ta' Novembru, 2018 il-konvenuta appellata Svetlana Cilia, li f'isimha ġew trasfużi l-atti b'digriet tal-1 ta' Lulju, 2013 wara l-mewt tal-konvenut Emmanuel Cilia, kif ukoll l-imsejħa fil-kawża Suor Concetta Cilia u Noel Spiteri u Jacqueline Spiteri li b'digriet tal-10 ta' Ġunju, 2016 l-atti ġew trasfużi f'isimhom wara l-mewt tal-imsejħa fil-kawża Janie Saliba, talbu li l-appell jiġi miċħud u s-sentenza appellata tiġi konfermata. L-istess għamlu l-kuraturi deputati għas-sidien mhux magħrufa Dr Leslie Cuschieri u l-P.L. Hilda Ellul Mercer b'risposta tal-15 ta' Mejju, 2023 filwaqt li b'risposta tat-8 ta' Novembru, 2023 l-Uffiċċju Konġunt aderixxa ruħu mal-appell inċidentali tal-imsejħa fil-kawża.

20. Rat ir-risposti għall-appell inċidentali.

21. Rat l-atti kollha.

22. Semgħat it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet fis-seduta tal-21 ta' Novembru, 2023 meta l-appell tħalla għas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**Konsiderazzjonijiet**.

23. Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom l-atturi appellanti jissenjalaw illi l-okkju tas-sentenza appellata ma jirriflettix il-partijiet kollha fil-kawża

peress li jirreferi għal Janie Saliba mentri "b'digriet tal-10 ta' Ġunju, 2016 il-kawża kienet tkompliet f'isem Noel Spiteri u Jacqueline Spiteri bħala werrieta uniċi ta' Janie Saliba wara l-mewt ta' din tal-aħħar."

24. Dak senjalat mill-appellanti huwa minnu. Mill-atti jirriżulta illi fit-3 ta' Novembru, 2016, Noel Spiteri u Jacqueline Spiteri intavolaw rikors fejn informaw lill-Ewwel Qorti li fit-3 ta' Frar, 2016 kienet ġiet nieqsa l-imsejħa fil-kawża Janie Saliba u li b'testment tagħha tas-6 ta' Frar 2013 kienu ġew nominati eredi universali tagħha. L-Ewwel Qorti, b'digriet tal-25 ta' Novembru, 2016, irriżervat li tipprovdi finalment wara li r-rikorrenti jippreżentaw "prova dokumentarja illi dak tas-6 ta' Frar 2013 kien l-ahhar testment li ghamlet Janie Saliba". Fis-seduta tas-6 ta' Diċembru, 2016 l-Ewwel Qorti ġibdet l-attenzjoni tal-eredi preżuntivi ta' Janie Saliba sabiex jottemperaw ruħhom mad-digriet tagħha tal-25 ta' Novembru, 2016. Mill-atti jirriżulta illi Noel Spiteri u Jacqueline Spiteri baqgħu ma ottemperawx ruħhom mad-digriet tal-25 ta' Novembru, 2016 u għalhekk ir-rikors tagħhom tat-3 ta' Novembru, 2016 baqa' ma ġiex dekretat finalment. Mill-atti tat-tieni referenza kostituzzjonali jirriżulta illi Noel Spiteri u Jacqueline Spiteri, minflok ma' ottemperaw ruħhom mad-digriet fuq imsemmi mogħti mill-Ewwel Qorti, intavolaw rikors ieħor fit-8 ta' Ġunju, 2018 fil-proċess tat-tieni referenza kostituzzjonali u reġgħu talbu li l-atti jiġu trasfużi

f'isimhom minħabba l-mewt ta' Janie Saliba, liema talba ġiet akkolta b'digriet tal-10 ta' Ġunju, 2016.[3]

**25. Għalhekk din il-Qorti, bis-saħħa tal-Artikolu 175 (2) tal-Kap. 12 qed tordna illi l-okkju fis-sentenza appellata tas-27 ta' Settembru, 2018 jiġi korrett billi wara isem "Janie Saliba" jiżdiedu l-kliem "u b'digriet tal-10 ta' Ġunju, 2016 l-atti ġew trasfużi f'isem Noel Spiteri u Jacqueline Spiteri wara l-mewt ta' Janie Saliba". Il-mertu tal-ewwel aggravju huwa għalhekk eżawrit.**

26. It-tieni aggravju tal-atturi appellanti hu illi skonthom l-Ewwel Qorti, filwaqt li rrikonoxxiet illi 60% tad-dirett dominju jappartjeni lill-Uffiċċju Konġunt u illi l-istess Uffiċċju Konġunt mhux qed jopponi l-konverżjoni mitluba mill-appellanti biex iċ-ċens temporanju fuq il-fond numru 5, Sqaq numru 1, Hospital Square, Żebbuġ, Malta, bil-ġardina u l-għalqa miegħu jinqaleb f'wieħed perpetwu, xorta waħda għaddiet biex ċaħdet it-talbiet kollha tal-atturi appellanti. L-appellanti jsostnu illi għalkemm il-qagħda tad-diversi konvenuti hija differenti għall-aħħar minn xulxin, l-Ewwel Qorti naqset li tagħmel distinzjoni bejniethom u li applikat l-istess kejl għal kulħadd. L-appellanti jsostnu wkoll illi huwa paċifiku li ma jista jkun hemm l-ebda kwistjoni tal-ksur tad-drittijiet fundamentali tas-sidien sa fejn huwa kkonċernat l-Uffiċċju Konġunt, għaliex l-Istat ma jistax jillamenta li qed

---

[3] Fol. 401

jinkisru d-drittijiet fundamentali tiegħu. Iqisu għalhekk illi s-sentenza appellata hija skorretta meta qieset li l-Kap. 158 ma jistax jingħata effett fir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet kollha fil-kawża, għaliex skont l-appellanti, fir-relazzjoni bejn l-Uffiċċju Konġunt u l-atturi "ma hemm l-ebda raguni għalfejn il-provvediment tal-Kap 158 ma ghandhomx jinghataw effett.". Mod ieħor, l-appellanti qed jgħidu illi fir-rigward tal-Uffiċċju Konġunt l-Ewwel Qorti kellha tordna l-konverżjoni ta' <u>60% tad-dirett dominju</u>.

27. Ma jirriżultax illi l-Uffiċċju Konġunt jaqbel mal-atturi appellanti. Fir-risposta tiegħu għal dan l-appell ippreżentata fis-6 ta' Novembru, 2018 jissottometti illi Artikolu 12 tal-Kap 158 jitkellem biss fuq il-konverżjoni ta' ċens temporanju li jorbot dwar dar ta' abitazzjoni u mhux ukoll fir-rigward ta' ċens ta' ġnien jew għalqa li jkun hemm mad-dar ta' abitazzjoni. Isostni d-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt illi Artikolu 12 tal-Kap. 158 ma jippermettiex li l-konverzjoni taċ-ċens tista' ssir mingħand kull wieħed jew iżjed mis-sidien direttarji b'mod separat. Jenfasizza illi "Il-konverzjoni jew issir kollha kemm hi jew ma tista' ssir xejn.". L-appellati l-oħra jressqu raġunijiet simili in oppożizzjoni għall-appell. L-appellati Carmelina Zerafa et. iżidu illi bil-fatt illi fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Ottubru, 2013 il-Qorti Kostituzzjonali irriferiet għall-"konvenuti appellanti" biss, ma jfissirx illi dik is-sentenza ma torbotx fuq il-partijiet kollha.

28. Il-motivazzjonijiet tal-Ewwel Qorti għaċ-ċaħda tat-talbiet attriċi kienu s-segwenti:

> "IV. Konsiderazzjonijiet ta` din il-Qorti
>
> Tqis illi fis-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta` Ottubru 2013 kien dikjarat illi l-applikazzjoni tal-Art 12(4) tal-Kap 158 kien jikser il-jedd fondamentali tal-konvenuti hekk kif tutelat bl-Art 37 tal-Kostituzzjoni u bl-art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni. Ghalhekk l-Art 12(4) tal-Kap 158 [ma] setax jigi applikat.
>
> Il-konsegwenza ta` l-pronunzjament kostituzzjonali huwa li l-Art.12(4) tal-Kap. 158 m`ghandux ikollu effett fir-relazzjoni bejn il-partijiet, ghaliex l-atturi ma jistghux jistriehu aktar fuq dawk id-disposizzjonjiet citati minnhom fir-rikors guramentat biex jivvantaw titolu fuq il-proprjeta` in kwistjoni.
>
> Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta` Mejju 2017 fil-kawza fl-ismijiet **Victor Portanier vs Edward Pillow et.** Hemm kien rilevat illi :-
>
> \- Omissis -
>
> Issir referenza wkoll ghas-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-12 ta` Jannar 2015 fil-kawza fl-ismijiet **Concetta sive Connie Cini vs Eleonora Galea et**
>
> \- Omissis -
>
> Tenut kont ta` l-premess, din il-Qorti qeghda tesprimi ruhha fis-sens illi dak vantat mill-atturi a tenur tad-disposizzjonijiet tal-ligi citati minnhom ma jistax iregi.
>
> L-atturi ma jistghux issa jinvokaw id-disposizzjoni favur taghhom sabiex ic-cens temporanju li kellhom fuq il-fond de quo jsir perpetwu bis-sahha tal-istess disposizzjoni.
>
> L-atturi huma marbuta bid-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tal-25 ta` Ottubru 2013 fis-sens illi ghar-ragunijiet li johorgu mid-decizjoni ma jistghux jinvokaw id-disposizzjonijiet citati minnhom sabiex jibqghu fil-fond de quo b`titolu ta` cens perpetwu.
>
> Minkejja d-decizjonijiet li tat il-Qorti Kostituzzjonali, wahda wara l-ohra, id-disposizzjonijiet tal-ligi in kwistjoni ghadhom jaghmlu parti mill-*corpus juris* ta` pajjizna billi sal-lum ma kienet promulgata ebda ligi mill-Parlament Malti li ticcara darba ghal dejjem is-sitwazzjoni.
>
> Il-Qorti qieset b`reqqa n-noti ta` osservazzjonijiet.

> Huwa minnu li fil-kawza tal-lum, irrizulta li sehem ta` 60% indiviz mill-fond de quo jappartjeni lill-Ufficju Kongunt u li dan kien favur illi c-cens temporanju jsir perpetwu. Madanakollu rrizulta wkoll illi fil-kaz tas-sidien tar-rimanenti sehem indiviz ta` 40% tal-proprjeta`, kien deciz mill-Qorti Kostituzzjonali li eventwali konverzjoni ghal cens perpetwu hija lesiva ghall-jeddijiet fondamentali u konvenzjonali taghhom. Fic-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti tghid illi ladarba l-fond de quo baqa` ndiviz, u allura baqa` sal-lum fond wiehed, ghalkemm in kompropjeta`, il-Qorti ghandha idejha marbuta *ex lege* u jkollha tieqaf hawn."

29. Fl-appell tagħhom l-appellanti bħal donnu jinjoraw dak li huma stess issottomettew fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom quddiem l-Ewwel Qorti qabel ingħatat is-sentenza appellata:

> "2.11 Illi verament l-esponenti jemmnu li ma hemmx soluzzjoni għal din l-għoqda gordjana li holqot il-ligi hlief billi din il-Qorti, li bhala Prim' Awla ghandha ukoll kompetenza fuq kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali, tirrikonoxxi d-dritt fundamentali tal-esponenti u cioe' illi d-dritt taghhom ghall-konverzjoni tac-cens jammonta ghal pussess tutelabbli bil-ligi, u tawtorizzahom jezercitaw dak id-dritt filwaqt illi tipprotegi ukoll id-drittijiet fundamentali tas-sid privat in kwantu (i) jew tillikwida kumpens gust u adegwat li ghandu jithallas mill-Avukat Generali in rapprezentanza tal-Istat u li diga' qieghed parti f'dawn il-proceduri, (ii) jew inkella tordna tali konverzjoni salv id-dritt tas-sid privat li jottjeni kumpens gust mill-Istat.
>
> 2.12 Illi irid jiġi enfasizzat illi din hija kawza li fiha s-sid huwa l-Istat stess f'percentwali ta' 60% u ma hemm l-ebda kontenzjoni li fir-rigward ta' dak is-60% l-esponenti ghandhom dritt li jikkonvertu dan ic-cens minn wiehed temporanju ghal wiehed perpetwu, Naturalment il-fond huwa wiehed indiviz u ghalhekk tqum il-problematika ulterjuri illi d-dritt tal-esponenti biex jaghmlu din il-konverzjoni huwa dritt ezercitabbli fuq l-immobbli intier u ghalhekk bilfors illi d-dritt taghhom li jikkonvertuh in kantu ghal 60% indivizzibbli jafettwa l-proprjeta' kollha, inkluz l-40% tas-sidien privati."[4]

30. Huwa minnu li quddiem l-Ewwel Qorti l-appellanti kienu sostnew illi għandhom jedd għall-konverżjoni fuq 60% tad-dirett dominju, però

[4] Fol. 437

huwa daqstant ieħor minnu li baqgħu sal-aħħar isostnu quddiem l-Ewwel Qorti illi li ċ-ċens kollu jiġi konvertit għal wieħed perpetwu kellha tiġi milqugħa.

31. Kif rajna minn eżami tan-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, huma l-istess atturi appellanti li jirrikonoxxu illi konverżjoni ta' sehem indiviż biss u mhux l-intier ta' dirett dominju temporanju għal wieħed perpetwu hija propożizzjoni li ma ssib l-ebda fondament fl-ebda liġi jew ġurisprudenza. Kien proprju għalhekk illi quddiem l-Ewwel Qorti l-atturi appellanti sostnew illi skonthom żewġ toroq kienu vijabbli u ċjoè jew li f'każ ta' rifjut tat-talbiet attriċi l-Qorti tillikwida "kumpens gust u adegwat" li għandu jitħallas mill-Avukat Ġenerali in rappreżentanza tal-Istat u "li diga qieghed parti f'dawn il-proceduri"; jew inkella li l-Ewwel Qorti "tordna tali konverzjoni salv id-dritt tas-sid privat li jottjeni kumpens gust mill-Istat."

32. L-azzjoni promossa mill-atturi baqgħet dik imressqa fl-att promotur u ċjoè sabiex il-Qorti tordna l-konverżjoni tal-konċessjoni enfitewtika temporanja fl-intier tagħha għal waħda perpetwa bil-pubblikazzjoni forzuża tal-kuntratt pubbliku relattiv.

33. Tajjeb jiġi ribadit illi d-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali fir-rigward tar-referenzi kostituzzjonali f'din il-kawża bl-ebda mod ma jagħtu xi jedd lill-atturi appellanti illi jibdlu t-talbiet tagħhom kif imressqa fir-rikors

promotur. It-talbiet attriċi, miċħuda mill-Ewwel Qorti, kienu u għadhom sabiex il-Qorti tiddikjara illi l-atturi huma "ntitolati li jikkonvertu l-koncessjoni enfitewtika temporanja dwar il-fond…………………..'' u mhux li jikkonvertu "erbgħin fil-mija (40%) tad-dirett dominju" minn dirett dominju temporanju għal wieħed perpetwu. Din mhiex xi kawża ta' kanonizzazzjoni ta' kreditu fejn "il piu' comprende 'l meno". Jew l-ewwel talba attriċi hi fondata jew ma hiex. Ma hemmx triq tan-nofs kif issa qed jippretendu l-atturi. Apparti illi bis-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali b'kollox l-atturi xorta waħda quddiem l-Ewwel Qorti ma talbu l-ebda varjazzjoni fit-talbiet attriċi tagħhom proprju għaliex kif ġia osservat aktar qabel, l-insistenza tagħhom quddiem l-Ewwel Qorti baqgħet sal-aħħar li kellhom jedd jikkonvertu l-enfitewsi temporanja fl-intier tagħha, kif del *resto* jingħad fit-talbiet attriċi, u mhux kif issa qed jirreklamaw f'dan l-istadju li għandhom jedd jikkonvertu sittin fil-mija (60%) taċ-ċens temporanju għal wieħed perpetwu.

34. Kif intqal fis-sentenza **Joanne Fenech v. Mario Lagana et.** mogħtija minn din il-Qorti fis-26 ta' Marzu, 2010:

> "F'każ ta' kawżali mhux ċara, wieħed jista jirrimedja, però l-qorti ma tistax tissostitwixxi talba speċifika b'oħra. Kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Azzopardi v. Azzopardi,** deċiża fil-31 ta' Jannar 2003, "il-qorti għandha toqgħod biss fuq il-kawżali u t-talba dedotta u xejn iżjed"; kif ukoll osservat din il-qorti fil-kawża **Sant v. Micallef**, deċiża fit-30 ta' Novembru 2007, "kawżali kif espressa fiċ-ċitazzjoni ma tistax tinbidel tul it-trattazzjoni tal-kawża u l-qorti għandha toqgħod u tkun konformi mat-termini tad-domandi kif espressi fiċ-ċitazzjoni. Li kieku dan ma jsirx, is-sentenza mogħtija tkun *extra petita*"

35. Jekk għas-saħħa tal-argument biss wieħed kellu jaċċetta illi fit-talbiet attriċi hemm inkluż talba għall-konverżjoni ta' 60% taċ-ċens, tali talba hija manifestament infondata għaliex il-liġi li fuqha sejsu t-talba tagħhom l-atturi imkien ma tipprovdi tali possibilità. **Artikolu 12 (4) tal-Kap. 158** jipprovdi kjarament illi:

> "(4) Meta tagħlaq enfitewsi temporanja ta' dar ta' abitazzjoni okkupata minn ċittadin ta' Malta bħala r-residenza ordinarja tiegħu fi żmien dak l-egħluq, li ma tkunx enfitewsi msemmija fis-subartikolu (2)(a) jew (b), l-enfitewta jkollu l-jedd <u>jikkonverti l-enfitewsi</u> f'waħda perpetwa taħt l-istess kondizzjonijiet ta'enfitewsi temporanja barra minn dawk li jkunu jirreferu għaż-żmien u għaċ-ċens. Iċ-ċens li jkollu jitħallas b'effett mill-konversjoni tal-enfitewsi f'waħda perpetwa u sakemm jgħaddu ħmistax-il sena minn dik id-data jkun daqs sitt darbiet iċ-ċens li kien jitħallas minnufih qabel dik il-konversjoni, u wara dan għanduj iżdied kull ħmistax-il sena b'daqstant miċ-ċens kurrenti, li jkun ammont li ma jkunx iżjed minn dak iċ-ċens, li jirrappreżenta bi proporzjon miegħu ż-żieda fl-inflazzjoni minn meta l-imsemmi ċens ikun ġie stabbilit l-aħħar."(sottolinear tal-Qorti).

36. Artikolu 12 (4) appena ċitat huwa ċar u ma jagħti lok għal ebda ekwivoku. Jagħti l-jedd ta' konverżjoni <u>taċ-ċens sħiħ u mhux ta' parti miċ-ċens.</u> L-appellanti ma ressqu għall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti l-ebda sottomissjoni li b'xi mod tiġġustifika t-talba modifikata tagħhom għall-konverżjoni ta' parti indiviża taċ-ċens.

37. Mhux barra minn loku li jiġi ribadit illi s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-25 ta' Ottubru, 2013 tagħmel stat *di fronte* għall-atturi appellanti għaliex kienu wkoll parti f'dawk il-proċeduri. Huwa inspjegabbli kif wara dik is-sentenza xorta waħda l-atturi baqgħu jinsistu quddiem l-Ewwel Qorti li kellhom il-jedd li jikkonvertu ċ-ċens fl-intier

tiegħu, talba li ta' lanqas fir-rigward taċ-ċens favur id-direttarji privati il-Qorti Kostituzzjonali iddikjarat li l-konverżjoni tilledilhom id-dritt fundamentali tagħhom.

38. Wara li ngħatat is-sentenza appellata l-atturi appellanti issa qed jittentaw jispustjaw it-talbiet tagħhom billi jsostnu li għandhom jedd għall-konverżjoni fir-rigward ta' sehem indiviż ta' 60% taċ-ċens temporanju, talba li fi kwalunkwe każ kif ġia rajna hija wkoll manifestament infondata.

39. Peress illi l-pretensjoni tal-appellanti imressqa issa f'dan l-istadju tal-appell sabiex il-Qorti tordna l-konverżjoni ta' 60% sehem indiviż taċ-ċens temporanju, la hi riflessa fit-talbiet attriċi u wisq anqas issib fondament legali, din il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju tal-appellanti.

40. Permezz tat-tielet aggravju l-atturi appellanti jgħidu illi s-sentenza appellata twassal għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom in kwantu għandhom id-dritt li jgawdu l-possedimenti tagħhom. Iqisu bħala possediment id-dritt minnhom pretiż li jikkonvertu ċ-ċens minn wieħed temporanju għal wieħed perpetwu.

41. Dan hu aggravju fieragħ. Dan l-ilment diġà ġie mressaq mill-atturi quddiem l-Ewwel Qorti, bil-konsegwenza li kienet saret referenza

Kostituzzjonali li waslet għal sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali mogħtija fit-2 ta' Marzu, 2018 fejn irriteniet illi:

> "12. Sabiex tingħata tweġiba korretta għal din il-kwistjoni jeħtieġ qabel xejn li jiġi preċiżat x'inhu l-meritu ta' din il-kawża. Il-kawża, li bdiet bħala kawża purament ċivili, hija dwar jekk l-atturi għandhomx jedd jikkonvertu enfitewsi temporanja għal waħda perpetwa bis-saħħa tal-art. 12(4) tal-Kap. 158. Eċċezzjoni tal-konvenuti qanqlet il-kwistjoni jekk dik il-konverżjoni tkunx bi ksur tal-jeddijiet fondamentali tagħhom, bħala direttarji, għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom. F'dawn il-proċeduri ġia` ngħatat sentenza li issa saret finali li tgħid illi l-applikazzjoni tal-art.16 12(4) tal-Kap. 158 fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum tkun bi ksur tal-jedd tal-konvenuti taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll. Billi liġi ordinarja, bħal ma hu l-Kap. 158, li tkun inkonsistenti mal-Kostituzzjoni jew mal-Konvenzjoni għandha, safejn inkonsistenti, tkun bla effett, l-art. 12(4) tal-Kap. 158 ma jistax jingħata effett għall-għanijiet tal-kawża tallum.
>
> 13. Is-setgħa tal-qorti fejn issib inkonsistenza ta' liġi ordinarja mal-Kostituzzjoni jew mal-Konvenzjoni hija appuntu dik li ma tagħtix effett lil dik il-liġi. Għalhekk ma tistax tagħti r-rimedji alternativi li ipproponew l-atturi fir-rikors tal-appell u li jitolbu bir-rikors tat-3 ta' Frar 2014. Ma tistax tħalli li ssir il-konverżjoni taċ-ċens u tagħti, bħala rimedju, kumpens fi flus, għax b'hekk tkun qiegħda tagħti effett lil liġi li l-Kostituzzjoni u l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea jridu li tkun "bla effett". Lanqas ma tista' tibdel ir-rata tal-konverżjoni tal-canone temporanju f'wieħed perpetwu biex tindirizza n-nuqqas ta' proporzjonalità għaliex dan ma hux ir-rimedju previst mill-Kostituzzjonali u mill-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.
>
> 14. L-atturi iżda jgħidu illi jekk il-liġi ma tingħatax effett jiġri li huma jitilfu l-pussess tal-immobbli u hekk jinkiser il-jedd tagħhom għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom.
>
> 15. Dan jista' jkun minnu u jista' ma jkunx, iżda l-qorti ma hijiex sejra tippronunzja ruħha fuq hekk għax ma huwiex il-meritu tal-kawża tallum: l-episodju kostituzzjonali fil-kawża tallum huwa dwar jekk il-konverżjoni tal-enfitewsi tiksirx il-jedd tad-direttarji, u mhux jekk iċ-ċaħda tal-konverżjoni tiksirx il-jedd tal-utilisti; dak, se mai, jista' jkun il-meritu ta' kawża li jistgħu jiftħu l-atturi tallum kontra l-gvern u mhux kontra l-konvenuti l-oħra fil-kawża tallum. Dak il-meritu ma għandux ikun preġudikat f'din il-kawża u għalhekk din il-qorti ma hijiex sejra tidħol fil-kwistjoni jekk l-atturi għandhomx jedd miksub jew biss aspettativa, jekk l-atturi mxewx b'għaqal jew ħadux sogru, jekk l-aspettativa hijiex leġittima jew le, jekk dik l-aspettativa hijiex imħarsa taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni: dawn huma kwistjonijiet li jiġu indirizzati f'kawża ad hoc u mhux fil-kawża tallum."

42. Wara dak il-pronunzjament mill-Qorti Kostituzzjonali, huwa inspjegabbli kif l-atturi appellanti jerġgħu f’dan l-istadju jistiednu issa lil din il-Qorti sabiex jiġi investit l-ilment kostituzzjonali u konvenzjonali tagħhom li biċ-ċaħda tat-talbiet attriċi ġie leż id-dritt kostituzzjonali u konvenzjonali tagħhom.

43. Kull konsiderazzjoni oħra f’dan ir-rigward tkun superfluwha.

44. Għaldaqstant tiċħad it-tielet aggravju tal-atturi appellanti.

45. Miċħuda l-aggravji kollha tal-atturi appellanti, l-appell tagħhom qed jiġi riġettat.

46. Imiss issa li nikkonsidraw l-appell inċidentali tal-appellati Carmelina Zerafa, Filippa Catania, Theresa Debono, Maria Antonia Resta proprio u f’isem l-assenti Josephine Pomarco Cilia.

47. Permezz ta’ dan l-appell inċidentali l-imsejħa fil-kawża qed jappellaw mis-sentenza tas-27 ta’ Settembru, 2018 “limitatament fejn iddeċidiet li l-ispejjeż tal-Kawża kellhom jibqgħu bla taxxa”.

48. L-aggravju tagħhom huwa illi għalkemm l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni prinċipali tagħhom fis-sens li l-liġi li invokaw l-atturi hija waħda

kostituzzjonalment u konvenzjonalment invalida, l-Ewwel Qorti iddeċidiet illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa ħlief tal-kuraturi deputati li kellhom jitħallsu skont il-liġi. Jgħidu illi l-eċċezzjoni tagħhom ma ġietx akkolta mill-Ewwel Qorti fuq xi punt legali novell għaliex kien hemm ġia diversi sentenzi in sostenn tal-eċċezzjoni. Jissottomettu illi l-atturi appellanti għamlu minn kollox sabiex itawlu dawn il-proċeduri inkluż b'referenza kostituzzjonali fuq talba tagħhom fejn it-talba tagħhom ġiet dikjarata mill-Qorti Kostituzzjonali bħala improponibbli f'dawn il-proċeduri. Iżidu l-konvenuti appellanti illi sadanittant l-atturi għadhom jirrisjedu fil-fond *de quo* tnax-il sena wara li skada ċ-ċens temporanju.

Ikkunsidrat;

49. Minn qari tas-sentenza appellata wieħed ma jsibx motivazzjoni speċifika miktuba għaliex l-Ewwel Qorti iddeċidiet li l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa, salv l-ispejjeż u drittijiet tal-kuraturi deputati. Però minn qari tal-istess sentenza kif ukoll minn eżami tal-atti tal-kawża joħroġ ċar illi fiż-żmien li nbdew dawn il-proċeduri ma kienx għad hemm ġurisprudenza assodata illi Artikolu 12 (4) tal-Kap. 158 huwa leżiv tal-jeddijiet fundamentali tad-direttarji kif hemm illum. Għall-kuntrarju l-atti juru bil-kontra; tant illi l-Ewwel Qorti iddifferiet il-kawża diversi drabi pendenti l-eżitu tal-kawża numru 1/02 fl-ismijiet "Josephine Bugeja et v. Avukat Ġenerali et" li kienet proprju titratta l-kweżit dwar ksur tal-jedd

fundamentali tad-direttarju bit-tħaddim tal-Artikolu 12 (4) tal-Kap. 158.[5] Fil-verbal tas-6 ta' April, 2009 l-Ewwel Qorti vverbalizzat illi: "Il-partijiet kollha qablu li din il-kawza ghandha tistenna l-esitu tal-kawza numru 1/02 fl-ismijiet Bugeja Josephine et vs Avukat Generali et li hija differita ghat-trattazzjoni ghall-4 ta' Mejju,2009"[6]. Fil-verbal tal-5 ta' Novembru, 2009 jingħad illi wara li l-Ewwel Qorti ġiet infurmata li l-kawża imsemmija Bugeja v Avukat Ġenerali kienet differita għas-sentenza għall-10 ta' Novembru, 2009, il-Qorti ddikjarat illi jkun opportun li l-kawża odjerna tistenna l-eżitu ta' dik il-kawża l-oħra. Il-kumplessità tal-każ hija wkoll dimostrata mill-fatt illi l-Ewwel Qorti ħasset li kellha tagħmel żewġ referenzi kostituzzjonali, waħda deċiża minnha stess u oħra nstemgħet mill-istess Qorti diversament presjeduta. Dan jiddimostra illi l-lanjanzi ta' indoli kostituzzjonali u konvenzjonali li ġew instigati mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ma ġewx meqjusa mill-Ewwel Qorti frivoli jew vessatorji.

50. L-Ewwel Qorti applikat Artikolu 223 (3) tal-Kap. 12 illi "Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra."

[5] Ara verbali tas-6 ta' April 2009 (fol. 348); tat-23 ta' Gunju, 2009 (fol. 349); tat-13 ta' Lulju 2009 (fol. 351); tal-5 ta' Novembru, 2009 (fol. 352);
[6] Sottolinear tal-Qorti.

51. Għar-raġunijiet mogħtija din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni valida għaliex għandha tiddisturba d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-kap tal-ispejjeż.

52. Għalhekk tenut kont li sew l-appell prinċipali kif ukoll l-appell inċidentali qed jiġu riġettati, l-atturi appellanti għandhom jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tal-appell prinċipali filwaqt li l-imsejħa fil-kawża li ressqu l-appell inċidentali għandhom jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż marbuta mal-appell inċidentali.

**Deċiżjoni**.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell prinċipali mressaq mill-atturi; tiċħad l-appell inċidentali mressaq mill-imsejħa fil-kawża Carmelina *sive* Lina Zerafa, Filippa *sive* Phyliss Catania, Theresa Debono, Maria Antonia *sive* Antoinette Resta, u Maria Grazia *sive* Grace Cilia f'isimha proprju u bħala prokuratriċi tal-assenti Josephine Pomarico Cilia; filwaqt li tikkonferma għal kollox is-sentenza appellata.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 223 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti tordna illi l-ispejjeż tal-appell prinċipali għandhom jitħallsu mill-atturi

appellanti filwaqt li l-ispejjeż tal-appell inċidentali għandhom jitħallsu mill-imsejħa fil-kawża li ressquh.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da